

31991D0613

L 332/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.12.1991

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-28 ta' Ottubru 1991****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda li jistabbilixxi l-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fi ħdan il-qafas tal-programm Erasmus**

(91/613/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi permezz tad-Deċiżjoni 87/327/KEE ⁽³⁾ kif emendata bid-Deċiżjoni 89/663/KEE ⁽⁴⁾, il-Kunsill adotta l-Iskema ta' Azzjoni tal-Komunità Ewropea għall-Mobilità ta' l-Istudenti ta' l-Università (Erasmus);

Billi fil-5 ta' Novembru 1990, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinneogzja mal-pajjiżi ta' l-EFTA u mal-Liechtenstein, bi qbil ma' Direttivi speċifiċi għan-negozjar, ftehim bilaterali li għandhom bħala l-għan tagħhom il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fi ħdan il-qafas tal-programm Erasmus;

Billi Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda min-natura tiegħu iseddaq l-impatt tal-programm Erasmus sabiex jiżviluppa l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u sabiex isaħħaħ il-livelli tal-kapaċitajiet tar-riżorsi umani fl-Ewropa,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda li jstabbilixxi l-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fi ħdan il-qafas tal-programm Erasmus huwa b'dan il-mezz approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 13 tal-Ftehim ⁽⁵⁾.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-28 ta' Ottubru 1991.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. M. M. RITZEN

⁽¹⁾ ĠU C 127, tas-17.5.1991, p. 3.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija nhar l-24 ta' Ottubru 1991 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 166, tal-25.6.1987, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 23.

⁽⁵⁾ Ara l-paġna 71 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.